***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# (Sezzjoni tal-Familja)

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum it-Tlieta, 22 ta' Marzu 2016.**

**Rikors Numru: 62/2016/LSO**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 62/2016/LSO fl-ismijiet:-**

**Rita Portelli ID 0069054(M)**

**vs**

**Peter Portelli ID 574942(M)**

## Il-Qorti,

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Rita Portelli ID 0069054(M) datat 3 ta' Marzu 2016 fejn:

Inghad bil-qima u gie kkonfermat bil-gurament:-

Illi l-esponenti ghandha interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti;

Illi l-esponenti, sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha, tixtieq izzomm l-intimat milli:

Ibiegh, inehhi, jitrasferexxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b' titolu oneruz jew gratuwitu l-proprjeta` li hi konsistenti f' "boathouse" u *garage* u *basement* li tinsab 13 "Sunny" Triq id-Denci, tas-Sellum, Mellieha *ai termini* tas-sentenza Rik. Gur. 367/09/AL fl-ismijiet Rita Portelli vs Peter Portelli deciza fis-17 ta' Frar 2016, (Dok "RP").

Illi l-esponenti se tigi pregudikata jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni

sabiex izzommu milli jkompli jaghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija.

Rat id-digriet tat-3 ta' Marzu 2016 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-15 ta' Marzu 2016, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-16 ta' Marzu 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru l-partijiet assistiti minn Dr Leontine Calleja u Dr Yana Micallef Stafrace. Il-Qorti ordnat lir-rikorrenti sabiex fi zmien jumejn minn dan id-digriet tipprezenta l-abbozz tal-iskrizzjoni fir-Registru Pubbliku kif mitlub bl-artikolu 874 (2) tal-Kap 12. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed titlob l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jigi inibit milli: ibiegh, inehhi, jitrasferexxi jew jiddisponi *inter vires* sew b' titolu oneruz jew gratuwitu l-proprjeta` li hi konsistenti f' "boathouse" u *garage* u *basement* li tinsab 13 "Sunny" Triq id-Denci, tas-Sellum, Mellieha *ai termini* tas-sentenza Rik.

Gur. 367/09/AL fl-ismijiet **Rita Portelli vs Peter Portelli** deciza fis-17 ta' Frar 2016, (Dok "RP").

L-intimat irrimetta ruhu u ma pprezentax risposta ghat-talba.

**Dritt**

Illi ll-hrug ta' dan il-Mandat qed jintalab fit-termini **tal-artikolu 873 (1) u (2) tal-Kap.Tnax tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-principji li jirregolaw dan l-istitut huma ben assodati fil-gurisprudenza taghna.

Premess li l-ghan ta' talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat (**Art 873 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju;[1] it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu 'prima facie' dawk il-jeddijiet.[2] Dawn

---

[1] Ara f'dan is-sens *"Grech proprio et nomine vs Manfre*" – A.C. – Dec.14 ta' Lulju 1988 – Vol. LXXII.ii.290; u "***40, Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar"*** (P.A. (RCP) - Dec. 2 ta' Novembru 2010.

[2] Ara f'dan is-sens **"*Emmanuel Sammut -v- Josephine Sammut*** " P.A.(TM)-dec.5.06.2003.

iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva.

Hu pacifiku li din hija mizura ta' natura eccezzjonali **(Grech proprio et nomine vs Manfre)** fuq citat b'dan li jkun hemm il-biza' li jekk ma jinharigx tali mandat id-dritt tar-rikorrenti jintilef ghal dejjem. Tajjeb li jkun riaffermat li l-procedura odjerna hija mahsuba biex tkun wahda sommarja.

Illi jirrizulta li l-partijiet isseparaw permezz tas-sentenza surriferita li ghaddiet in gudikat. Skont l-istess sentenza l-Qorti ordnat li din il-proprjeta' ghandha titqies li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet u ordnat wkoll li l-fond jigi stmat minn perit nominat minnha sabiex jinbiegh fuq is-suq hieles u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Huwa evidenti li r-rikorrenti ghandha jedd li jisthoqqilha tigi ikkawtelata naxxenti mis-sentenza fuq riferita li llum ghaddiet in gudikat. Inoltre jsegwi li dan il-jedd jigi pregiudikat irrimedjabbilment jekk it-talba odjerna ma tigix milqugha.

Ikkonsidrat li r-rikorrenti pprezentat abbozz tan-nota tal-iskrizzjoni biex il-mandat jigi registrat fir-Registru Pubbliku fis-17 ta' Marzu 2016.

Ghaldaqstant huma soddisfatti l-elementi rikjesti mil-Ligi ghall-hrug tal-mandat odjern.

## III. DECIDE

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha relattivi u semghet it-trattazzjoni, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba u tordna l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-intimat kif dedotta.

Tordna li l-mandat jigi notifikat mir-Registratur lid-Direttur tar-Registru Pubbliku fit-terminu **previst fl-artikolu 874(2) tal-Kap.12** a spejjez tal-istess rikorrenti.

L-ispejjez gudizzjarji jigu sopportati mill-intimat.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**22 ta' Marzu 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Marzu 2016**